7 ta' Ottubru, 1954.

Imhallef:

L-Onor. Dr. T. Gouder, LL.D.

Edward Rizzo *versus* Joseph Cost Chretien pr. et ne.

**Assoċjazzjoni in Partiċipazzjoni — Servizzi — Azzjoni "De in Rem Verso" — Mandat Kawtelatorju — Danni — Penali — Delitt u Kwaži Delitt — Depožitu — Art. 1074 tal-Kodiċi Ċivili — Art. [illegible], [illegible] u 870 tal-Proċedura Ċivili.**

*F'kaž ta' assoċjazzjoni in partiċipazzjoni, l-assoċjant ma għandux dritt għal merċedi għall-opera li jippresta favur l-assoċjazzjoni, jekk b'konvenzjoni ma jkunx diversament stabbilit. Bħala regola, il-kumpens tiegħu jikkonsisti fl-utili li huwa jipperċepixxi mill-assoċjazzjoni; iżda ma jirripunjax għan-natura ta' l-assoċjazzjoni l-attribuzzjoni ta' interessi lill-assoċjant jew lill-assoċjat.*

*Fin-nuqqas ta' dik il-konvenzjoni, is-servizzi li jippresta l-assoċjant għandhom jitqiesu li jikkostitwixxu l-konferiment tiegħu fl-assoċjazzjoni, kif l-assoċjat ma jipperċepix interessi fuq il-kapital li jerogu bħala konferiment fl-assoċjazzjoni.*

*Meta l-assoċjazzjoni ikollha bħala oġġett operazzjoni singola, u ma jkunx ġie stipulat żmien meta dik l-assoċjazzjoni għandha tispiċċa, dan iż-żmien għandu jiġi stabbilit għal dak li jkun meħtieġ biex tiġi mitmuma l-operazzjoni li għaliha tkun saret l-assoċjazzjoni. U ma jistax jiġi ritenut li l-assoċjant jikkwista b'xi mod id-dritt għal kumpens għall-prestazzjonijiet li jkun lahaq għamel minħabba l-fatt li l-assoċjazzjoni tkun spiċċat qabel il-waqt, jekk iċ-ċessazzjoni ta' l-assoċjazzjoni tkun operat rukha bil-kunsens reċiproku ta' l-assoċjati; għaliex, sabiex jiġi rikonoxxut lill-assoċjant dak id-dritt għal kumpens għas-servizzi minnu prestati, unikament għaliex l-assoċjazzjoni li kellu ma' l-assoċjat spiċċat konsenswalment qabel il-waqt, wieħed irid neċessarjament jassumi illi r-rapport ġuridiku jista' jbiddel in-natura tiegħu u jassumi rapport ġuridiku totalment differenti għas-sempliċi raġuni illi r-rapport ġuridiku oriġinali jkun ġie xjolt qabel il-waqt bil-kunsens tal-partijiet interessati—assunzjoni li ma għandhiex bażi fid-dritt.*

*Lanqas jista' dan id-dritt jiġi rikonoxxut in raġuni ta' arrikkiment indebitu ta' l-assoċjat, jekk ma jirrikorrux it-tliet elementi ta'*

*l-azzjoni de in rem verso, jiġifieri l-arrikkiment, il-vinkolu tal-kawżalità, u l-karattru inġust ta' l-arrikkiment.*

*Il-fatt li min jottjeni l-ispedizzjoni ta' mandat kawtelatorju jibqa' sokkombenti fil-ġudizzju li l-mandat kien intiż biex jikkawtela m'huwiex, waħdu, raġuni suffiċjenti biex jiġu akkordati lill-eżekutat id-danni u l-interessi; imma kull każ għandu jiġi* **trattat skond** *il-meritu tiegħu, billi jitqiesu f'kalkolu u apprezzament iċ-ċirkustanzi kollha ta' dak il-każ qabel ma wieħed jikkonkludi sija għar-responsabilità li ġġib dritt għall-indennizz,* **sija għall-esklużjoni ta' dak id-dritt.**

*Bħala regola, jista' jingħad illi r-responsabilità ta' min jottjeni l-ħruġ ta' mandat kawtelatorju mhix diversa, u lanqas akbar, minn dik rigwardanti l-każijiet ta' delitti u kważi delitti; u mill-lokuzzjoni diversa tad-disposizzjonijiet relattivi tal-liġi jidher illi l-penali għandha tiġi akkordata meta l-mandat ikun ġie ottenut in mala fede, jew b'dolo, mentri r-rifużjoni tad-danni u interessi tista' tiġi mogħtija anki f'każi ta' kolpa, u mhux biss f'każi ta' dolo.*

*Fil-każ preżenti, l-attur kien issubixxa mandat ta' impediment ta' safar, u, biex jillibera ruħu mill-effetti ta' dak il-mandat u jkun jista' jsiefer, huwa ddepożita l-ammont dedott fil-mandat. Irriżulta li l-mandat ġie ottenut għal somma eċċedenti dik li kienet dovuta, u illi dak li ottjena l-mandat kien in kolpa meta talab fil-mandat somma akbar minn dik li kellu jieħu; u għalhekk il-Qorti kkundannatu għad-danni u interessi lejn l-eżekutat, li ġew magħmula jikkonsistu fl-interessi tas-sitta fil-mija fuq l-eċċess mitlub fil-mandat; u dan għall-perijodu bejn il-jum meta sar id-depożitu u dak li fih l-eżekutat seta' jieħu l-pussess akkorrenti biex jiżbanka dak l-eċċess.*

Il-Qorti, — Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur, wara li ppremetta illi matul is-sena 1948, u fiċ-ċirkustanzi spjegati fid-dikjarazzjoni annessa għall-istess att taċ-ċitazzjoni, huwa rrenda diversi servizzi importanti lill-konvenut fl-okkażjoni tal-Pellegrinaġġ Nazzjonali għal Fatima; ta' liema servizzi, għalkemm dejjem ippretenda u talab li jitħallas, għadu, iżda, ma ġiex rikompensat; u li l-konvenut, fil-11 ta' Lulju 1949, ta-talab u ottjena kontra tiegħu l-ħruġ ta' mandat ta' impediment tas-safar in kawtela ta' pretensjoni kalkulata ammontanti fil-valur tagħha għas-somma ta' £600, u huwa, sabiex jillibera

ruhu mill-effett ta' dak il-mandat, billi kellu jsiefer in konċessjoni man-negozju tiegħu, iddepożita taħt l-awtorità ta' dan il-Qorti s-somma fuq riferita u l-ispejjeż tal-proċedura relativa għall-mandat, permezz ta' ċedola tat-13 ta' Lulju 1949; u li l-kawża li in segwitu l-konvenut għamel dwar l-imsemmija pretensjoni tiegħu ġiet deċiża fit-8 ta' Ottubru 1953, u dik l-istess pretensjoni ġiet akkolta limitatament għas-somma ta' £133. 17. 11, u kwindi rriżulta li l-konvenut, mingħajr ebda raġuni u kawża, ikkostrinġieh li jħalli inoperuż mit-13 ta' Lulju 1949 sal-jum li fih l-imsemmija deċiżjoni għaddiet "in giudicato", dik il-parti ta' l-imsemmija somma minnu depożitata li teċċedi l-ammont ta' £133. 17. 11; u ta' dan l-aġir tiegħu l-konvenut għandu *jirrispondi billi jħallas id-danni*; u li l-konvenut, interpellat bl-ittra uffiċjali tat-3 ta' Novembru 1953 biex bonarjament iħallas il-kumpens għas-servizzi fuq riferiti u l-imsemmijin danni, baqa' inadempjenti; talab illi l-istess konvenut jiġi kundannat iħallas lilu (1) dik is-somma li tiġi likwidata in kumpens tas-servizzi fuq riferiti, u (2) dik is-somma li tiġi likwidata in linea ta' danni minnu sofferti billi ġie kostrett jiddepożita somma eċċedenti dik ta' £133. 17. 11 fuq riferita, u b'hekk ħalla inoperuż l-eċċess mid-data tad-depożitu sad-29 ta' Ottubru 1953, meta *għaddiet* "in giudicato" l-imsemmija sentenza ta' dil-Qorti fil-kawża "Cost Chretien vs. Rizzo". Bl-ispejjeż, kompriżi dawk taċ-ċedola ta' depożitu u tal-kontromandat tat-18 ta' Lulju 1949, u ta' l-ittra uffiċjali tat-3 ta' Novembru 1953; u bil-lukri kummerċjali;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi l-fatti li ppreċedew u taw lok għal dina l-kawża ġew dettaljatament u eżattament esposti mill-perit legali fl-imsemmija relazzjoni tiegħu; però, għall-aħjar intelliġenza tal-ħwejjeġ li sejrin jiġu trattati, jiswa li jiġu hawn ripetuti. Dawk il-fatti jistgħu jiġu hekk riassunti;

Fil-bidu tas-sena 1948 il-kontendenti, fuq talba tal-Kumitat tal-Kroċjata tal-Madonna tar-Ružarju ta' Fatima, bdew jorganizzaw pellegrinaġġ għall-belt fuq indikata. L-attur kien il-membru tekniku, u ħbala tali ħa f'idejh pratikament

is-xoghol kollu ta' l-organizzazzjoni, u kien jittratta waħdu u f'ismu proprju man-nies li riedu jieħdu parti f'dak il-pellegrinaġġ (l-assoċjazzjoni kienet in partiċipazzjoni);

In konnessjoni ma' dina l-intrapriża huwa intrapprenda żewġ vjaġġi għal Ruma sabiex jiġi f'kuntatt ma' l-agenti tal-"Compagnia Italiana Turismo", li magħha kienu qegħdin isiru t-trattativi għall-vjaġġ. Fl-okkażjoni ta' l-ewwel vjaġġ il-konvenut awtorizzah li jirrappreżentah fil-kwalità tiegħu ta' proprjetarju tal-ditta "Transacta (Malta) Ltd."; però, fl-okkażjoni tat-tieni vjaġġ, billi għall-ewwel kien kuntrarju li l-attur jipproċedi għal dan it-tieni vjaġġ, għalkemm in segwitu kkunsenta li jagħmlu, kiteb lill-imsemmija kumpannija (C.I.T.) illi l-attur ma kienx għadu jirrappreżentah. Għalhekk, u wkoll għaliex il-kontendenti kienu ġa bdew jitlewmu bejniethom, appena l-attur irritorna Malta, fit-22 ta' Lulju 1948, huwa rtira mill-assoċjazzjoni u ħalla l-impriża għal kollox f'idejn il-konvenut;

Ir-raġuni tal-firda tal-kontendenti, skond il-konvenut, kienet dik li ma kienx soddisfatt bil-mod kif l-attur kien qiegħed imexxi l-ħwejjeġ, u kien beda jissuspetta ħażin fih; fil-waqt li, skond l-attur, ir-raġuni li indućietu jirtira kienet dik li l-konvenut beda jfixklu billi beda jindaħallu fi ħwejjeġ li fihom l-istess konvenut ma kienx jifhem. Jiswa f'dan il-pont li jiġi rilevat illi, kif jirriżulta mill-attijiet tal-kawża fuq riferita, il-parti teknika ta' l-impriża ġiet fdata lill-attur, appuntu għaliex dan kellu esperjenza kbira fl-organizzazzjoni ta' pellegrinaġġi u ġiti simili, fil-waqt li l-konvenut kien inesperti fihom, billi qatt ma kien intrapprenda ħwejjeġ simili. Però, kien x'kien, u kienet ta' min kienet il-ħtija, it-tnejn riedu li jinfirdu minn xulxin, u t-tnejn qablu u aċċettaw li l-assoċjazzjoni ta' bejniethom tispiċċa, u li l-impriża titkompla mill-konvenut waħdu; u għalhekk il-konvenut baqa' jorganizza waħdu l-pellegrinaġġ, li telaq minn Malta fit-2 ta' Awissu 1948 u rritorna fit-28 ta' dak l-istess xahar;

Meta l-pellegrinaġġ irritorna Malta, il-konvenut ippropona kawża — dik fuq imsemmija — kontra l-attur, u talab il-kundanna ta' dan għall-ħlas ta' £459. 1. 10. bilanċ, dedotti £132. 0. 0 li bihom l-attur kellu jiġi akkreditat, tas-somma

ta' £591. 2. 8 lilu dovuta, kwantu ghal £237. 10. 0 in linea ta' danni ghal riduzzjonijiet konċessi mill-attur fuq diversi passaġġi ghall-pellegrinaġġ fuq imsemmi, u kwantu ghal £353. 12. 8 import ta' inkassi illi l-istess attur naqas li jikkonsenja. In kawtela ta' l-imsemmija pretensjoni tieghu l-konvenut kien ottjena kontra l-attur l-ispedizzjoni ta' mandat ta' impediment tas-safar, u fl-okkażjoni ta' dak il-mandat iddikjara illi l-valur ta' dik il-pretensjoni kien ta' £591. 2. 8, jiġifieri £132 aktar mis-somma reklamata fl-imsemmija kawża; u dana ġara ghaliex il-konvenut naqas jiehu in konsiderazzjoni s-somma fuq riferita, li biha l-attur kellu jiġi akkreditat. Sabiex jevita l-effett ta' dak il-mandat, l-attur, fit-13 ta' Lulju 1949, iddepożita s-somma dikjarata mill-konvenut taht l-awtorità ta' din il-Qorti, biex tibqa' hemm sakemm tiġi definitivament likwidata l-vertenza, u fl-istess gurnata talab, u ġiet lilu konċessa, l-emissjoni ta' kontro-mandat;

Fit-trattazzjoni ta' dik il-kawża l-konvenut ipproponja teżi bażata fuq il-konsiderazzjoni illi bejn il-kontendenti qatt ma kien hemm ebda assoċjazzjoni fl-impriża fuq riferita, imma semplici relazzjoni ta' bejn kommittenti u institur jew rappreżentant tieghu. L-attur, inveċe, sostna illi kienet teżisti bejnu u l-konvenut assoċjazzjoni ghat-tmexxija ta' l-imsemmi pellegrinaġġ, ghad illi dina l-assoċjazzjoni ma kienet tirriżulta minn ebda skrittura;

B'sentenza ta' din il-Qorti tat-8 ta' Ottubru 1953, li ghaddiet "in giudicato", ġie ritenut illi l-attur, kif sostna huwa, ma kienx semplici mandatarju jew institur tal-konvenut, imma kien inveċi, assoċjat mieghu, u bil-volontà tal-konvenut kellu "mano libera", stante, kif ġa ġie rilevat, l-esperjenza tieghu u l-inesperjenza tal-konvenut, ghal dak kollu li kien jirrigwarda l-lat tekniku ta' l-impriża; u ġiet miċhuda d-domanda relativa ghall-kundanna ta' l-attur ghall-hlas ta' £237. 10. 0 in linea ta' danni ghar-riduzzjonijiet u eżenzjonijiet li l-istess attur kien ikkonċeda fil-każ ta' passaġġi; u riferibilment ghad-domanda tal-konvenut ghall-kundanna ta' l-attur ghar-restituzzjoni ta' import ta' inkassi mill-istess

attur allegatament approprjati, dik il-domanda gie milqugha limitatament ghas-somma ta' £133. 17. 11;

Ikkunsidrat, dwar l-ewwel talba — hlas ta' kumpens ghas-servigi prestati in konnessjoni mal-pellegrinagg fuq imsemmi;

Illi, kif gie assoda fl-imsemmija sentenza, li giet moghtija minn din il-Qorti fit-8 ta' Ottubru 1953, il-kontendenti, sakemm ma nqalax l-inkwiet bejniethom, kienu assocjati flimkien. Si trattava appuntu ta' assocjazzjoni in participazzjoni, li fiha l-attur kien l-assocjant, is-socju palezi, li stante l-esperjenza tieghu fa kollox f'idejh, ipprepara l-itinerarju, iffissa l-prezzijiet tal-passaggi, u kien jidher u jittratta f'ismu proprju mal-publiku; u l-konvenut, li ma kellux esperjenza f'imprizi simili, kien l-assocjat;

Illi, ghalkemm ua jonqsux awturi, bhal Vidari u Ramella, li huma tal-fehma illi huwa dovut onorarju lill-assocjant ghall-prestazzjonijiet tieghu, anki jekk dak l-onorarju ma jkunx espressament stipulat, basta ma jigix espressament eskluz, l-opinjoni li hija l-aktar milqugha hija inveci dik, kjarament esposta minn Vivante u minn Navarrini, illi l-assocjant ma ghandux dritt ghal merćedi ghall-opera li jippresta, jekk b'konvenzjoni ma jigix diversament stabbilit. Bhala regola, il-kumpens tieghu jikkonsisti fl-utili illi huwa jippercepixxi mill-assocjazzjoni; izda ma tirripunjax ghan-natura ta' l-istitut l-attribuzzjoni ta' interessi lill-assocjant jew lill-assocjat;

Illi fil-kaz prezenti ma jirrizultax l-ebda konvenzjoni li in forza taghha l-attur kellu jippercepixxi xi kumpens jew xi utili ohra ghall-opera minnu prestata, oltre l-utili rikavabili mill-assocjazzjoni;

Illi kwindi, fin-nuqqas ta' dik il-konvenzjoni, is-servigi li rrenda l-attur ghandhom jitqiesu, kif tajjeb issottometta l-perit, "li jikkostitwixxu l-konferiment tieghu fl-assocjazzjoni"; "u kif", tajjeb ukoll kompla jghid il-perit, "bhala regola l-assocjat ma jippercepix interessi fuq il-kapital li jeroga, hekk ukoll l-assocjant ma ghandux dritt jithallas tas-servigi li huwa jikkonferixxi fl-assocjazzjoni in sostituzzjoni ghall-kapital";

Illi għalhekk l-attur kellu biss dritt għall-kumpensazzjoni tal-utili ta' l-assoċjazzjoni, u mhux ukoll li jibbenefika minn onorarju għas-servigi li ppresta;

Ikkunsidrat;

Illi l-perit legali eżamina wkoll il-każ jekk jistax jiġi ritenut li l-attur akkwista b'xi mod id-dritt għall-kumpens talprestazzjonijiet li laħaq għamel minħabba l-fatt illi l-assoċjazzjoni spiċċat qabel il-waqt; u għar-rigward issottometta:

Illi l-assoċjazzjoni bejn il-kontendenti kellha bħala oġġett agħha operazzjoni singola, l-impriża tal-pellegrinaġġ fuq imsemmi, u kwindi, billi ma ġiex stipulat żmien meta dik l-assoċjazzjoni kellha tispiċċa, fil-każ normali tal-ħwejjeġ suppost illi kellha tiġi xjolta unikament bil-konklużjoni ta' dak il-pellegrinaġġ; għaliex, kif ġie ritenut mill-Qorti ta' l-Appell fil-kawża "Borg vs. Gatt" (Kollez. XXIX—I—1228), "meta ebda ftehim ma jsir dwar iż-żmien li fih għandha tibqa' sseħħ l-assoċjazzjoni, dan iż-żmien għandu jiġi stabbilit għal dak li jkun meħtieġ biex tiġi mitmuma l-operazzjoni li għaliha tkun saret l-assoċjazzjoni";

Illi, fil-każ preżenti ix-xoljiment ta' l-assoċjazzjoni qabel il-waqt, jiġifieri qabel il-konklużjoni tal-pellegrinaġġ, opera ruħu bil-kunsens reċiproku tal-partijiet interessati;

Illi, sabiex wieħed jirrikonoxxi fl-attur dritt għal kumpens għas-servigi minnu prestati bħala assoċjant, unikament għaliex l-assoċjazzjoni li kellu mal-konvenut spiċċat konsenswalment qabel il-waqt, wieħed irid neċessarjament jassumi illi r-rapport ġuridiku jista' jbiddel in-natura tiegħu u jassumi l-vesti ta' rapport ġuridiku totalment differenti għas-sempliċi raġuni illi r-rapport ġuridiku oriġinali jkun ġie xjolt qabel il-waqt bil-kunsens tal-partijiet interessati — assunzjoni li ma għandhiex bażi fid-dritt;

Il-Qorti taqbel mal-konklużjoni li fiha wasal il-perit, għar-raġunijiet minnu mogħtija, li tilqa' u tagħmel tagħha;

Ikkunsidrat;

Illi l-perit eżamina wkoll il-każ jekk it-talba ta' l-attur tistax tiġi sostnuta in raġuni ta' l-indebitu arrikkiment talkonvenut, u wasal għall-konklużjoni li ma tistax, għar-raġuni illi, fil-waqt li jirrikorru l-ewwel żewġ estremi ta' l-azzjo-

in "de in rem verso", l-arrikkiment u l-vinkolu tal-kawżalità, jonqos it-tielet element, jiġifieri l-karattru inġust ta' l-arrikkiment; l-għaliex l-arrikkiment irid ikun mingħajr kawża — "cum injuria", kif jgħid id-Dritt Ruman; u dan ifisser illi min jiġi arrikkit ma jkunx jista' jiggjova ruħu minn xi fatt ġuridiku li jawtorizzah jikkonserva l-arrikkiment; mentri fil-każ in ispeċje, il-konvenut għandu favur tiegħu appuntu dak il-fatt ġuridiku li jawtorizzah jikkonserva l-arrikkiment — fatt ġuridiku li jitnissel miċ-ċirkustanza li l-assoċjazzjoni ġa eżistenti bejn il-kontendenti ġiet xjolta, u l-konvenut ħa f'idejh waħdu l-impriża tal-pellegrinaġġ bil-kunsens ta' l-attur, u ma kien hemm l-ebda fatt speċjali li taħtu ġiet operata r-riżoluzzjoni, li tagħti lill-attur dritt għal dak il-kumpens, billi ma jirriżulta stipulat l-ebda patt bejn il-kontendenti, fil-ħin illi huma ddeċedew ixolju l-assoċjazzjoni, li in forza tiegħu tista' takkwista xi valur il-pretensjoni ta' l-attur;

Il-Qorti taqbel mal-perit anki f'dan il-punt, u kwindi tilqa' l-konklużjoni li fiha huwa wasal, għar-raġunijiet minnu wkoll mogħtija;

Ikkunsidrat, dwar it-tieni talba — dannu derivanti mill-fatt tad-depożitu, in segwitu għall-mandat kawtelatorju, a' somma eċċedenti dik li ġiet rikonoxxuta lill-konvenut fil-kawża fuq riferita;

Illi l-art. 832 tal-Kodiċi al-Proċedura Ċivili jistabbilixxi testwalment illi "kull persuna tista', mingħajr ma huwa meħtieġ illi qabel ikun hemm deċiżjoni, tiegħed fiż-żgur il-jeddijiet tagħha bil-mezz ta' wieħed jew iżjed mill-attijiet kawtelatorji............... illi, wara li jiġu mħarsa minn dik il-persuna l-kondizzjonijiet li jrid dan il-Kodiċi, jiġu maħruġa u eżegwiti taħt ir-responsabilità tagħha". Fl-art. 869 ta' l-istess Kodiċi jingħad illi "jekk jinsab illi mandat ta' impediment tas-safar gie mehud mir-rikorrenti fuq talba magħmula bil-qerq, huwa jiġi kundannat għall-ħlas ta' penali f'somma li tiffissa l-Qorti skond iċ-ċirkustanzi"; u "f'dan il-każ, il-Qorti tista' tordna illi l-penali tiġi mħallsa lill-persuna li kontra tagħha............. il-mandat ikun ħareġ, barra minn kull azzjoni għad-danni u imgħaxijiet". Fl-art. 870 ta' l-istess

Kodiċi jingħad illi "fil-każijiet li fihom mandat ta' impediment tas-safar jiġi dikjarat bħala li ġie meħud inġustament, il-parti li tkun talbet il-ħruġ tal-mandat tista' tiġi mġiegħla tħallas id-danni u l-imgħaxijiet";

Illi, bħala regola generali, jista' kwindi jingħad li l-leġislatur jikkunsidra l-mandati kawtelatorji b'għajn ftit benevola, u jawtorizza l-ispedizzjoni tagħhom biss meta jkunu assolutament neċessarji, u jippermetti l-manteniment tagħhom biss għaż-żmien li jkunu neċessarji (App. 7. 7. 1920 "Blacker vs. Hound". Kollez. XXIV—I—554);

Illi, peress li r-responsabilità imposta mill-liġi lil min jitlob mandati kawtelatorji għandha tiġi ritenuta responsabilità "prout de jure", effikaċi skond il-kawża li minnha tipproċedi u tidderiva, il-fatt illi l-instanti għall-mandat kawtelatorju jibqa' sokkombenti fil-ġudizzju li l-mandat kien intiż biex jikkawtela, mhux, waħdu, raġuni suffiċjenti biex jiġu akkordati lill-eżekutat id-danni u l-interessi; imma kull każ għandu jiġi trattat skond il-meritu tiegħu, billi jittieħdu f'kalkolu u apprezzament iċ-ċirkustanzi kollha ta' dak il-każ qabel ma wieħed jikkonkludi sija għar-responsabilità, li ġġib dritt għall-indennizz, jew għall-esklużjoni ta' dak id-dritt (Kollez. VIII, pag. 685, "Demarco vs. Cauchi");

Illi, in applikazzjoni tal-prinċipju fuq aċċennat, ġie mit-tribunal tagħna ritenut li għandu jirrispondi għad-danni li jikkaġuna min abużivament jissekwestra merkanzija ndirizzata lil terzi persuni; min, għall-finijiet tal-mandat kawtelatorju, jindika somma eċċessivament superjuri għal dik li tiġi likwidata; min, għad illi jirrikonoxxi ruħu debitur f'ammont almenu ugwali lejn id-debitur tiegħu, jispedixxi ċjò non ostante mandat kawtelatorju kontra dak id-debitur tiegħu (Kumm. 17. 5. 1915 "Quintano vs. De Cristofaro", Kollez. XXII—III—187; App. 17. 5. 1920 "Camilleri vs. Grech", Kollez. XXVII—I sez. II—961; P.A 24. 2. 1921 "Micallef vs. Micallef", Kollez. XXIV—II—502);

Illi, bħala regola, jista' jingħad illi r-responsabilità fuq riferita mhix diversa, u lanqas akbar, minn dik li tinsab kontemplata fl-art. 1074 u segwenti tal-Kodiċi Ċivili, rigwardanti l-każijiet ta' delitti u kważi-delitti (Kumm. 29. X. 1885

"Camilleri vs. Azzopardi", Kollez. XII, paġ. 260; P.A. 10. 4. 1890 "Agius vs. Dr. Carbone ne.", Kollez. XIII, paġ. 434; App. 9. 5. 1932 "Delia vs. Xuereb", Kollez. XXVIII—I—288; App. 7. XII. 1931 "Barbara vs. Fleri");

Illi mill-espressjoni diversa użata fl-imsemmijin artikoli 869 u 870 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili — "bil-qerq" fl-art. 869 trattandosi ta' penali, "inġustament" fl-art. 870 trattandosi ta' danni u imgħaxijiet — jirriżulta illi l-penali għandha tiġi applikata biss f'każ ta' mala fede, ta' dolo—kif jgħid Giorgi, "dolo e mala fede sono sinonimi" (Vol. II, p. 63); imma r-rifużjoni tad-danni u ta' l-interessi tista' tiġi mogħtija anki f'każ ta' kolpa, u mhux biss f'każ ta' dolo; għaliex l-espressjoni "inġustament" tikkomprendi d-dolo u l-kolpa (Kumm. 16. 2. 1933, konfermata fl-Appell fil-11 ta' Diċembru 1933, Kollez. XXVIII—III—1067; u P.A. "Giappone vs. Philips" 13. 4. 1935);

Ikkunsidrat;

Illi l-attur qiegħed jitlob biss ir-riżarċiment tad-danni u interessi, u mhux ukoll il-penali; u għalhekk, konformement għal dak li ġie espost, ikun biżżejjed li l-konvenut jinstab in kolpa biex jiġi rikonoxxut id-dritt ta' l-attur li jitlob dawk id-danni u interessi;

Illi, kif ġà fuq ġie rilevat, il-konvenut, għall-finijiet tal-mandat kawtelatorju in kwistjoni, iddikjara li l-valur tal-pretensjoni tiegħu kien jilħaq għas-somma ta' £591. 1. 10 komplessivament. Fil-kawża rreklama s-somma ta' £459. 1. 10, jiġifieri £132 anqas mis-somma kawtelata, u li l-attur kien kostrett li jiddepożita biex jillibera ruħu mill-effetti tal-mandat. Dan ġara għaliex il-konvenut, meta rrikorra għall-mandat, ma ħax in konsiderazzjoni dak l-ammont ta' £132 li bih l-attur kellu jiġi akkreditat, kif għamel meta ppreżenta l-att taċ-ċitazzjoni. Il-konvenut seta', u kien imissu, inaqqas dak l-ammont ta' £132, u jekk ma għamelx hekk kien in kolpa, u għandu jirrispondi għad-danni u interessi lejn l-attur riferibilment għal dan l-eċċess, f'dan il-każ anki jekk ma hemmx il-prova diretta li dak il-kapital ta' £132 kien preċedentement impjegat b'mod fruttiferu, jew li nqalgħet l-okkażjoni li jiġi negozjat (prova li ġiet ritenuta neċessarja mill-Qorti ta' l-Appell

fil-kawża "Camilleri vs. Grech", Kollez. XXIV—I—102), għar-raġuni li l-attur hu kummerċjant, u għalhekk għandu jiġi lilu rikonoxxut id-dritt, in linea ta' indennizz, li, fin-nuqqas ta' prova ta' danni ulterjuri, jikkonsisti fl-interessi tas-sitta fil-mija (6% p. a.) fuq il-predetta somma ta' £132. Iżda, kif sewwa ssottometta l-perit, dawn l-interessi ma għandhomx jiġu mogħtija lill-attur għaż-żmien kollu sakemm ġiet definita l-kawża, billi huwa seta', kif ġie preżentat l-att taċ-ċitazzjoni, induna bl-imsemmija diskrepanza bejn l-ammont kawtelat u dak mitlub fl-att taċ-ċitazzjoni, u jieħu malajr il-passi ekkorrenti għalbiex jitlob l-iżbank ta' l-imsemmija differenza — talba li ma setgħetx ma tiġix akkolta, jew mill-istess konvenut jew mill-awtorità ġudizzjarja, stante l-leġittimità manifesta u indiskutibili tagħha. Dan kien obligu preċiż tiegħu biex jillimita d-danni, u konsegwentement, darba li ma ħax dawk il-passi, għandu jimputa lilu nnifsu l-ħsara li sofra minn dak in-nhar li seta' jottjeni l-iżbank ta' dik id-differenza—jum li l-perit stabbilixxa, u l-Qorti taqbel miegħu, fis-27 ta' Ottubru 1949. Għalhekk, peress li d-depożitu sar fit-13 ta' Lulju, 1949, l-imsemmijin interessi jiħqu għas-somma ta' £2. 5. 6 biss;

Illi, kwantu għas-somma effettivament mitluba mill-konvenut, in parti in linea ta' danni minħabba r-riduzzjonijiet li l-attur għamel fuq il-prezz ta' xi biljetti tal-passaġġ u għal xi passaġġi li kkonċeda gratuwitament, u in parti għar-restituzzjoni ta' import ta' inkassi mill-istess attur allegatament approprjati, sewwa ssottometta l-perit legali illi, kif jirriżulta paċifikament mill-provi, kieku l-attur ġie ritenut responsabili għar-riduzzjonijiet u eżenzjonijiet fil-prezz ta' passaġġi minnu konċessi, u kieku ġie ritenut responsabili għad-differenza bejn l-ammont minnu erogat fl-akkwist ta' dollari u dak effettivament inkassat mill-konvenut, u kieku ġie ritenut illi l-ispejjeż tat-tieni vjaġġ li l-attur għamel in konnessjoni ma' l-organizzazzjoni tal-pellegrinaġġ kellu jbatihom huwa, il-pretensjoni tal-konvenut ma kienet tkun xejn eżaġerata;

Illi, kif sewwa wkoll għar-rigward issottometta l-perit, lanqas ma jista' jiġi leġittimament ritenut illi din id-domanda tal-konvenut kienet inġusta, u kwindi li inġustament ġie otte-

nut il-mandat ta' l-impediment tas-satan in kawtela tagħha. Kienet tkun inġusta kieku ġiet magħmula doložament, jew aħmenu kolpożament; imma kolpa, u kwindi wisq anqas dolo, ma tistax tiġi ravviżata: għaliex id-domanda ma kienetx nieqsa minn kwalsijasi fondament fil-fatt u fid-dritt, liema mankanza ta' fondament tirradika r-responsabilità ta' min jottjeni l-ispedizzjoni ta' mandat kawtelatorju. Apprezzament mhux veru u fallaċi tal-fatti allegati fir-rikors ma jibbastax biex jilleġittima t-talba għad-danni da parti ta' min ikun issubixxa l-effetti tal-mandat. Fil-każ preżenti, l-akkoljiment jew rigett tas-somom reklamati in linea ta' danni u r-riduzzjoni jew le ta' l-inkassi reklamati minn għand l-attur kienu jiddependu minn soluzzjoni ta' kwistjonijiet legali li ma kienux ta' soluzzjoni faċili; u dana juri illi d-domandi tal-konvenut ma kienux privi minn kull fondament, u li ma tistax tiġi lilu imputata l-ebda leġġerezza, imprudenza, nuqqas ta' diliġenza jew ta' ħsieb, f'kelma waħda kolpa, meta huwa avanza dawk id-domandi u talab il-mandat in kawtela tagħhom; liema mandat kwindi ma ġiex inġustament ottenut;

Għall-motivi premessi;

Tirrespinġi l-ewwel talba ta' l-attur; bl-ispejjeż kontra tiegħu;

Tilqa' t-tieni talba limitatament għas-somma ta' £2. 5. 6, u tiċħadha għall-bqija; u tordna illi l-ispejjeż relativi (kompriżi nofs dawk tal-perizja) jiġu sopportati mill-kontendenti skond ir-rispettiva vittorja u sokkombenza, fil-proporzjon ta' parti waħda minn sitta u erbgħin (1/46) il-konvenut, u ħamsa u erbgħin minn sitta u erbgħin (45/46) l-attur.